MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 619/2003

**Prof. Charles u Doris konjugi Farrugia**

**vs**

**Ray DeBono**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex
1. ihallas s-somma ta' disa' mija u dsatax-il lira Maltin (Lm919) rapprezentanti hlas ghall-kera ta' fond, ossija hanut bin-numru tlieta (3) St. Bernard Flats, situat fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, rizultanti minn skrittura ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti datata l-ewwel (1) ta' Awissu, elfejn u wiehed (2001) anness u mmarkata Dok CF 1;
2. prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond imsemmi minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, jizgombra mill-imsemmi fond stante illi l-kirja ta' l-iskrittura

giet ipso jure terminata u tawtorizza l-atturi jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi fond u dana taht kull provvediment illi l-Qorti jidhrilha necessarju u opportuna.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra nterpellatorja datata 1 ta' Dicembru, 2003 u bl-imghax legali minn Awissu, 2003 sa' l-effettiv pagament, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeddecix l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm 1500).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 3, St. Bernard Flats, situat fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------